MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Rikors Numru. 394/2014

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-dsatax (19) ta’ Dicembru ta’ l-elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, illi ghadha minorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Nicholas Vella mill-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) (Ara Dok B anness);

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju favur il-wild tal-partijiet stante illi skont it-termini tal-istess kuntratt (Ara Dok ‘B’, klawsola numru erbgha (4) ittra ‘b’ (4b), l-intimat kien dovut imantni lill-minuri u dan qatt ma naqas illi jaghmlu;

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola numru tlieta (3)) il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom mifrudin minn Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002), illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Settembru, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Frar, 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------